**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2015**

Numru 1

**Appell Nru. 17/2015**

**Tarcisio Cremona**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarcisio Cremona tas-27 ta' Mejju 2015 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Mejju 2015 li biha iddikjarat li l-appell ta' Tarcisio Cremona fuori termine;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Din hija decizjoni prelimari fir-rigward ta' eccezzjoni mqajjma mill-Awtorita' li l-Appell intavolat minn Tarcisio Cremona kien fuori termine.

Dwar din l-ezzezzjoni l-Awtorita' spjegat illi jirrizulta li l-Avviz in mertu gie notifikat lill-Appellanti fit-2 ta' Mejju 2014 (pink card esebitata dok TD) u li l-Appell dahal fl-20 ta' Mejju 2014. L-Appell skond id-disposizzjonijiet applikabbli kellu jigi prezentat sa mhux aktar tard mid-19 ta' Mejju 2014.

Dwar dan l-Appellant spjega hekk fin-nota ta' tieghu:

"Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti jissottometti illi huwa pprezenta l-appell tieghu entro termine u dan stante illi wara li rcieva l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, fit-2 ta' Mejju 2014, mar ghand l-avukat ta' fuducja tieghu fid-9 ta' Mejju 2014 u l-appell gie pprezentat fis-16 ta' Mejju 2014 fuq struzzjonijiet ta' l-avukat ta' fiducja tieghu.

Illi dan kollu jinsab ikkonfermat permezz ta' affidavit li qieghed jigi pprezentat kontestwalment flimkien ma din in-nota ta' sottomissjonijiet.

Illi barra minn hekk, l-esponenti jaghmel referenza ghal fatt illi l-Appell tieghu xorta wahda gie debitament ipprocessat u infatti huwa rcieva komunikazzjoni da parti tat-Tribunal ta'Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar datata 29 ta' Mejju 2014 sabiex huwa jipprezenta l-ircevuta originali tal-hlas tal-bank, skond kif jidher minn kopja tal-korrispondenza hawn annessa bhala Dok TC1. Illi ghandu jigi rilevat illi l-imsemmija komunikazzjoni kien fiha zball fl-isem ta'l-appellant li gie indikat bhala Filletti Gennaro. L-istess kien hemm zball f'dik li ghandu x'jaqsam mad-data li fiha gie pprezenta l-appell mill-esponenti stante li din giet indikata bhala 20 ta' Mejju 2014. B'dan izda in vista illi kien hemm zball fl-indikazzjoni ta' l-appellant bhala Filletti Gennaro flok Tarcisio Cremona, l-istess appellant ddeduca li l-indikazzjoni tal-prezentata ta' l-appell fl-20 ta' Mejju 2014, kienet wahda erronja u dan stante li l-istess data kif indikata mit-Tribunal possibilment kienet qed taghmel referenza ghall-appell ta' Filletti Gennaro u mhux ta' l-esponent.

Infatti l-appellant ghamel dak kollu possibbli sabiex huwa jkun konformi mad-dettami ta' l-Artikolu 86 sub-inciz (12) u li permezz tieghu, l-esponenti kellu hmistax (15)-il jum zmien sabiex jipprezenta l-appell tieghu. Illi minkejja li kien konsapevoli bil-fatt illi l-hmistax (15)-il jum jaghlqu fis-sbatax (17) ta' Mejju 2014, li kien is-Sibt, u ghalhekk kellu zmien sad-dsatax (19) ta' Mejju, l-appellant ha hsieb illi ma jhallix ghall-ahhar gurnata sabiex jipprezenta l-appell tieghu anke in vista li tali appell jehtieg illi jigi pprezentata Malta u mhux fil-Gzira ta' Ghawdex u ghalhekk f'kaz ta' xi malintiz ikun tardiv.

Illi ghalhekk fid-dawl ta'dan kollu l-esponenti jirrileva li l-appell tieghu gie pprezentat entro termino u ghalhekk l-eccezzjoni ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghandha tigi michuda u t-Tribunal ghandu jghaddi biex jiddeciedi dan l-Appell fil-mertu."

Ghalhekk l-appellant qed jindika li kien hemm konfuzjoni bejn l-Appelli presentati minnu Tarcisio Cremona ma' dak presentat minn Filletti Gennaro – ghalkemm fl-Affidavit tieghu Tarcisio Cremona donnu qed jinsisti li effetivament ipprezenta l-Appell tieghu fis-16 ta' Mejju 2014 u mhux fl-20 ta' Mejju 2014.

It-Tribunal ha konjizzjoni tal-Atti kollha ta' dan l-Appell.

Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal ghandu quddiemu sitwazzjoni ta' eccezzjoni ta' fuori termine li hija marbuta effetivament man-notifika tal-Avviz u l-presentata tal-Appell in kwistjoni. Mill-Atti tal-Appell jirrizulta li l-Appell de quo wasal ghand it-Tribunal fl-20 ta' Mejju 2014. Qabel, kien gie presentat fl-ufficju tal-MEPA Ghawdex fil-15 ta' Mejju 2014. IZDA l-ufficju ta' Ghawdex ma' ghandux funzjoni ta' Registru tat-Tribunal u ghalhekk dik in-notifika ma tiswa xejn.

Dwar l-element ta' konfuzjoni jizdied jinghad li l-Appell odjern huwa maghmul in rapprezentanza ta' Tarcisio Cremona u ghalhekk ma hemm ebda dubju jew konfuzjoni.

Hawnhekk issir riferenza ghall-kawza deciza fil-5 ta' April 2013 Appell Civili - Ghawdex 6/2012 Michael Parnis Vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Din il-kawza kellha aspetti, fatti u ligi simili ghall-mertu ta' dan l-Appell. Fih l-Onor. Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:

Il-qorti tapprezza li ghal min ighix f'Ghawdex hu iktar komdu li jibghat l-appell permezz tal-posta, gialadarba ma jirrizultax li t-Tribunal ghandu ufficcju f'Ghawdex. Sfortunatament min jaghmel uzu minn dan il-mezz ikun qieghed jiehu riskju gialadarba:-

i. Id-dokument tal-appell ser jigi kkonsenjat minn pustier;
ii. L-appellant m'ghandux garanzija li l-appell ser jigi kkonsenjat fit-terminu.
iii. Hu fl-interess u d-dmir ta' min irid jappella li jizgura li l-appell jigi pprezentat ghand it-Tribunal fit-terminu stabbilit mil-ligi.

F'dak il-kaz l-appellanti kien ilmenta hekk:

"19. Illi pero jibqa' l-fatt li l-appell sar u intbaghat fil-hin. Issa jekk ma wasalx fil-hin ghand it-Tribunal dan jidher li huwa nuqqas amministrattiv ta' xi hadd jew ta' min hu inkarigat mill-posta fis-setup amministrattiv tat-Tribunal jew altrimenti ta' xi hadd fil-mailing section ta' l-Awtorita'. Dan kollu pero' ma jaqax fil-kontroll ta' l-appellant.

20. Illi jigi ritenut li t-Tribunal kellu jiddeduci li n-notifika tal-appell servuta lil u accettata mill-mailroom section tal-Awtorita, kellha titqies bhal li kieku moghtija lit-Tribunal peress li kienet l-Awtorita li naqset mir-responsabbilta' taghha billi l-ewwel accettat posta rregistrata li ma kienitx indirizzata liha, u imbaghad ma ghamlitx dak kollu possibbli biex tali posta tinghata lit-Tribunal

immedjatament. M'huwiex gust li l-appellant gie pprivat mid-drittijiet tieghu minhabba nuqqas estraneju ghalih."

Dwar dawn l-argumenti l-Qorti iddikjarat hekk:

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament in kwantu:-

i. L-appell intbaghat fl-indirizz zbaljat.
ii. Il-fatt li l-Awtorita' damet granet biex tghaddi l-korrispondenza lit-Tribunal, ma jistax jissana n-nuqqas. M'hemmx dubju li t-terminu ta' 15 il-jum hu terminu perentorju. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda deskrizzjoni li jgedded tali terminu irrispettivament miccirkostanzi.
iii. L-appell isir lit-Tribunal, u ghalhekk li hu rilevanti hid-data meta t-jircevih it-Tribunal.
iv. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss kien hemm xi nuqqas min-naha tal-Awtorita' li ma kkonsenjatx l-appell fil-hin lit-Tribunal, ma jistax iwassal ghall-konkluzjoni li l-appell gie pprezentat fit-terminu kontemplat mil-ligi.
v. Kien fl-interess tal-appellant li jizgura li t-Tribunal ircieva l-appell tieghu.

Fil-kaz odjern dan it-Tribunal ghandu fatti simili u jrid isegwi dak gja deciz mill-Qrati taghna in kuntest. Huwa fl-ahhar mill-ahhar huwa obbligu tal-appellanti li jassigura ruhu li l-Appell jasal ghand it-Tribunal fit-Termini stabbiliti mill-ligi. Dan huwa r-ragunament tal-Kawza u Sentenza fuq citata.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Eccezzjoni Preliminari muwa milqugh u b'hekk l-Appell qed jigi dikjarat bhal null stante fuori termine.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-analogija li ghamel it-Tribunal mad-decizjoni Michael Parnis vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hi zbaljata ghax fil-kaz prezenti l-appellant ghamel tentattiv biex jipprezenta l-appell fit-terminu cioe qabel jiskadi pero hu ipprezentah fl-ufficju tal-Awtorita f'Ghawdex. Meta gie infurmat li l-appell kellu jigi prezentat quddiem it-Tribunal f'Malta hu hekk ghamel billi gie Malta jipprezentah fis-16 ta' Mejju 2014;

2. Jekk it-Tribunal kien daqstant tassativ, kellu jkun cert mill-fatti. Ma setax it-Tribunal jistrieh fuq it-timbru tal-pustier li jghid li t-Tribunal irceva l-appell fl-20 ta' Mejju 2014 meta l-ittra ta' avviz li rceva l-appellant rigward l-appell u li tirreferi ghad-data tal-20 ta' Mejju 2014 hi indirizzata lil persuna differenti kompletament estraneja ghal kaz. It-Tribunal ghazel li ma jaghtix piz lil affidavit tal-appellant u minflok jaccetta bla verifika timbru postali;

3. It-Tribunal bid-decizjoni tieghu cahhad lil appellant mill-principju ta' gustizzja naturali li jaghtih smigh xieraq.

**L-aggravji mehudin flimkien**

Din il-Qorti tqis dan l-appell bhala wiehed bla bazi. Ex admissis l-appellant jaqbel li l-appell ipprezentat f'Ghawdex fl-ufficju tal-Awtorita fil-15 ta' Mejju 2014 kien monk u ghalhekk kellu jigi prezentat Malta. It-terminu ghal tali prezentata kien is-16 ta' Mejju 2014. L-atti ufficjali juru illi t-Tribunal irceva l-appell fl-20 ta' Mejju 2014. Dan id-dokument hu prova tad-data postali li fih l-appell iddahhal. Kontra din il-prova l-appellant ipprezenta affidavit tieghu fejn sostna li nizel Malta u ipprezenta l-appell fis-16 ta' Mejju 2014. Pero ma ngiebet ebda prova dokumentarja dwar dan. Hi l-fehma tal-Qorti illi din il-kwistjoni hi wahda ta' kredibilita u apprezzament tal-provi. It-Tribunal ikkunsidra li l-provi juru illi l-appell dahal tardivament u ma kienx hemm prova ohra cara li teghleb tali kostatazzjoni minn dokument ufficjali. Din il-Qorti ma tindahalx fl-apprezzament tal-provi sakemm ma jkunx sar zball fuq il-fatti li waslu lit-Tribunal biex jibbaza d-decizjoni tieghu fuq dan il-fatt zbaljat. F'dan il-kaz din l-estremita ma tezistix. Il-ligi hi cara u t-termini legali huma ta' ordni pubbliku li ma jistghux u ma ghandhomx jigu b'xi mod mittiefsa b'diskrezzjoni li ma tezistix fil-ligi.

Ma sar ebda ksur ta' smigh xieraq ghax jekk l-appellant naqas li jipprezenta l-appell fit-terminu stipulat mill-ligi u ma hax il-prekawzjonijiet debiti biex jassigura li l-appell ikun jidher li gie debitament prezentat fit-terminu, allura l-htija ma tistax tigi attribwita lil ebda parti hlief lil appellant innifsu.

In kwantu ghax-xebh jew nuqqas ta' xebh ma' sentenza tal-Qorti li t-Tribunal irrefera ghaliha fid-decizjoni tieghu, din il-kwistjoni ma tbiddel xejn mal-apprezzament maghmul mit-Tribunal ghal fattispecie partikolari ta' dan il-kaz u jibqa' l-fatt li t-Tribunal wara li ikkonsidra l-fatti kollha wasal ghal konkluzzjoni li ma ngibitx prova mill-appellant li teghleb il-prova cara tat-timbru postali li juri li l-appell kien tardiv.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Tarcisio Cremona u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' Mejju 2015, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur